**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 13/2016 RM**

**Ferdinando Veneziani (K.I. 182979M) u oħtu Romina Veneziani (K.I. 426675M)**

**-Vs-**

**Ġanni Borg (K.I. 663739M)**
**Angela Abela (K.I. 374267M) u**
**Maria Lisa sive Marisa Agius (K.I. 371168M)**

**Illum, 29 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Ferdinando Veneziani u oħtu Romina Veneziani nhar is-26 ta' Jannar 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' ħamest elef erba' mija erbgħa u tletin Euro u tnax-il ċenteżmu (€5,434.12), rappreżentanti in kwantu għall-ammont ta' €1201 kumpens dovut minnhom skond il-liġi għall-użu tal-appoġġ ta' bejn il-proprjetajiet tal-mittenti (ossija l-korp ta' bini bl-isem ta' 'Bramble Court' hawn qabel imsemmi) u l-propjeta ' tagħhom (skond rapporrt tal-perit kopja hawn annessa 'Dok. A'), u inkwantu għall-ammont ta' €4233.12 in linja ta' danni

(skond prospett hawn anness 'Dok. B') kaġunati minnhom konsegwenza ta' xogħolijiet intrapriżi minnhom jew fuq inkarigu tagħhom u liema danni ġew kawżatifil-proprjetajiet tal-mittenti (ossija l-korp ta' bini ta' 'Bramble Court' hawn qabel imsemmi).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk taż-żewġ ittri uffiċċjali tal-5 ta' Ġunju 2015 kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti li ġiet minnhom ippreżentat fit-23 ta' Frar 2016 fejn gie eċċepit:-

1. *Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat li t-talba attriċi kwantu relatata għas-somma ta' €1201 (rappreżentanti kumpens dovut għall-użu tal-appoġġ ta' bejn il-proprjetajiet) hija intempestiva stante li l-istess esponenti diġa' ddikjaraw li tali ammont hu dovut permezz ta' ittra uffiċċjali (ara* ***Dok. A*** *hawn anness) u għamlu tentattiv ta' ħlas permezz ta' ċekk numru 1364 maħruġ mill-Bank of Valletta kif ġie ddikjarat fl-istess ittra uffiċċjali. Sussegwentement u wara diversi xhur, l-istess imsemmi ċekk li ntbagħat lill-atturi mill-mittenti, ġie ritornat lura anness ma' l-ittra datata t-22 ta' Diċembru 2015 (ara* ***Dok. B*** *hawn anness) u konsegwentement il-mittenti, biex jeżima ruħhom minn kull responsabbilita' relatata mal-istess ammont ta' €1201, għaddew biex iddepożitaw l-imsemmi ammont ta' €1201 permezz ta' ċedola quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (ara* ***Dok. Ċ*** *hawn anness) ;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u kwantu għall-ammont rimanenti u pretiż relatat ma' allegati danni sofferti mill-atturi, it-talba attriċi hija wkoll intempestiva stante li meta l-mittenti (bi buona volonta' u mingħajr ebda forma ta' ammissjoni da parti tagħhom) talbu għal spezzjoni fil-*

*proprjeta' tal-atturi fil-preżenza tal-Perit tal-Fiduċja tal-istess mittenti sabiex jiġi verifikat o meno jekk verament seħħew xi danni jew le, l-atturi rrifjutaw u konsegwentement l-istess mittenti ma setgħux jagħmlu l-verifiki neċessarji, iżda sabu ruħhom rinfaċċati bi proċeduri legali u sussegwentement bi proċeduri ġudizzjarji ;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u kwantu għall-ammont rimanenti u pretiż relatat ma' allegati danni sofferti mill-atturi, l-mittenti jirrilevaw li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif fil-fatt iddikjaraw fl-ittra uffiċjali tagħhom tas-16 ta' Ġunju 2015 (ara* ***Dok. D*** *hawn anness) ;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u kuntrarjament għal dak li jsostnu l-atturi, l-esponeneti ma kkaġunaw l-ebda danni ;*

5. *Illi għalhekk l-ebda ammont m'huwa dovut mill-esponenti rigward allegati danni li huma sofrew ;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat illi permezz ta' digriet moghti waqt l-udjenza tas-27 ta' April 2016 ġie maħtur bhala Perit Tekniku l-AIC Valerio Schembri a spejjeż provviżorjament tal-atturi sabiex jieħu konjizzjoni tat-talba attriċi u tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat illi r-rapport tal-Perit Tekniku ġie ppreżentat fis-7 ta' Ottubru 2020 u debitament maħluf minnu fis-17 ta' Mejju 2021;

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2021, il-konvenuti ddikjaraw li qegħdin jirrimettu ruħhom għall-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku fir-rapport tiegħu ;

Rat illi minkejja li ngħatat il-fakolta’ li tressaq domandi lill-Perit Tekniku in eskussjoni, l-attriċi Romina Veneziani baqgħet ma ppreżentat l-ebda domandi entro t-terminu lilha konċess ;

Rat il-provi kollha li ġew miġbura mill-Perit Tekniku fit-twettiq tal-inkarigu tiegħu u ħadet konjizzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu formanti parti mir-relazzjoni tieghu u tal-provi u x-xhieda mismugħa minnu, minkejja li din il-fakolta’ ma ġietx imfissra espressament fit-termini tal-inkarigu lilu mogħti. Qiegħda għalhekk għal kull buon fini tirratifika u tikkonvalida l-ġbir tal-provi u s-smigħ tax-xhieda bil-ġurament mill-istess Perit Tekniku;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tal-konvenuti waqt l-udjenza tal-11 ta’ Ottubru 2021 ;

Rat l-atti kollha ;

Rat illi l-kawza ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

It-talba tal-atturi f’din il-kawża hija għall-ħlas tas-somma komplessiva ta’ €5,434.12 rappreżentanti (i) kwantu għas-somma ta’ €1,201 kumpens għad-dritt tal-appoġġ da parti tal-konvenuti meta fil-kostruzzjoni tal-fond attigwu tagħhom, huma appoġġjaw il-binja l-ġdida mal-ħajt diviżorju u (ii) kwantu għas-somma ta’ €4,233.12 danni allegatament ikkaġunati fil-fondi di proprjeta’ tal-istess atturi rispettivament bħala riżultat tax-xogħolijiet ta’ kostruzzjoni intrapriżi mill-konvenuti fil-fond attigwu tagħhom.

Kwantu għal dak li jikkonċerna t-talba għall-ħlas tal-kumpens dovut għall-appoġġi, din m’hijiex kontestata u minn eżami tal-atti u tal-provi jirriżulta li din it-talba mhux talli l-konvenuti minn dejjem qablu li din is-somma kienet waħda

ġusta, talli huma kienu tabilħaqq ħallsu s-somma mitluba mill-atturi fis-somma ta' €1,201 permezz ta' *cheque* intestat lill-attur Ferdinando Veneziani, datat 23 ta' Ġunju 2015[1]. Jirriżulta li dan l-ewwel pagament sar mill-konvenuti bil-kundizzjoni li jingħataw riċevuta li l-ammont ġie aċċettat « *bħala ammont finali u a saldu ta' kull pretensjoni oħra* », kundizzjoni li ma kienetx aċċettabbli lill-atturi stante illi evidentement, huma kienu qegħdin jippretendu wkoll kumpens għad-danni kkaġunati fil-fond tagħhom b'riżultat tal-istess xogħolijiet ta' kostruzzjoni. Iżda l-Qorti tosserva illi għalkemm dan il-pagament oriġinali ġie rifjutat mill-atturi[2], l-istess somma ta' €1,201 ġiet sussegwentement depożitata ġudizzjarjament mill-konvenuti permezz ta' ċedola ppreżentata biss ftit inqas minn xahar wara, fis-26 ta' Jannar 2016, fl-istess data tal-preżentata tar-Rikors promotur ta' din il-kawża. Skont kif jirriżulta miċ-ċedola esebita fl-atti[3], dan id-depożitu sar speċifikatament u espressament « *rappreżentanti sehemhom mill-appoġġ* » u diversament mill-pagament li sar qabel permezz taċ-*cheque* fuq imsemmi, ma ġie marbut ma' ebda kundizzjoni oħra.

It-talba tal-atturi għall-ħlas ta' kumpens fis-somma msemmija ta' €1,201 ġiet ukoll konvalidata mill-Perit Tekniku li fir-relazzjoni tiegħu, wara li eżamina r-rati elenkati mill-Perit tal-fiduċja tal-atturi fir-rapport tagħha datat 15 ta' April 2015[4], esprima l-fehma li dawn ir-rati huma ġusti u raġjonevoli għaż-żmien li għalih jirreferu.

Għall-Qorti dan kollu jfisser li ma hemm l-ebda ostakolu għall-akkoljiment tat-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €1,201 mitluba minnhom in linea ta' kumpens għall-appoġġ. Madanakollu, fiċ-ċirkostanzi fejn l-ammont dovut ġie depożitat ġudizzjarjament u mingħajr ma ntwera li ma ġewx osservati r-rekwiżiti tal-Artikoli 1173 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll ġie depożitat tempestivament, tqis li ma għandu jgħaddi l-ebda imgħax fuq din is-somma

---

[1] Ara fol. 13 tal-atti.
[2] Ara ittra datata 22 ta' Diċembru 2015, fol. 12.
[3] Dok. C, fol. 14.
[4] Dok. A anness mar-Rikors promotur.

stante illi ma kien hemm l-ebda xkiel kwalsiasi biex din is-somma tiġi żbankata mill-atturi fiż-żmien meta ġiet dedotta t-talba ġudizzjarja, ġaladarba din tħallset espressament in linea ta' sehem l-atturi mill-appoġġ u mhux a saldu ta' pretensjonijiet oħrajn.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi jitolbu wkoll il-ħlas tas-somma ta' €4,233.12 rappreżentanti danni kkaġunati fil-fond rispettivi tagħhom bħala riżultat tax-xogħolijiet ta' kostruzzjoni intrapriżi mill-konvenuti fil-fond attigwu tagħhom.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm ir-Rikors promotur ġie ppreżentat minn Ferdinando Veneziani u oħtu Romina Veneziani, quddiem il-Perit Tekniku l-attur Ferdinando Veneziani[5] ikkonferma bil-ġurament illi huwa ma għandu l-ebda interess fit-talba fir-Rikors promotur għall-ħlas ta' kumpens għal xi ħsara li setgħet ġiet ikkaġonata fil-fond tiegħu b'riżultat tax-xogħolijiet intrapriżi mill-konvenut. Huwa ddikjara wkoll li l-uniku ħlas pretiż minnu huwa tal-ammont rappreżentanti sehmu mill-appoġġ.

Hawnhekk irid jiġi senjalat illi l-fond bl-isem "Bramble Court", Triq Caravaggio, Għagħur, mertu tat-talbiet fir-Rikors promotur, jikkonsisti f'blokk ta' tliet appartamenti u garaxx fil-livell ta' semi-basement. Jirriżulta mix-xhieda tal-atturi[6] kif ukoll mir-rapport tal-Perit Stephen Farrugia[7], illi l-atturi huma flimkien il-komproprjetarji tal-appartament fil-pjan terren bin-numru wieħed (1) u tal-partijiet komuni tal-blokka, u filwaqt li l-attur Ferdinando Veneziani huwa l-proprjetarju tal-appartament fl-ewwel sular bin-numru tnejn (2), l-attriċi Romina Veneziani hija l-proprjetarja tal-appartament fit-tieni sular bin-numru tlieta (3).

[5] Seduta tat-13 ta' Frar 2018 - ara fol. 183.
[6] Ara kontro-ezami tal-attriċi Romina Veneziani, seduta tal-10 ta' Ottubru 2017.
[7] Dok. AC 170101, fol. 153 *et seq*. (ara fol. 161)

Dan hu sinjifikanti għaliex miżmum ferm l-imsemmija dikjarazzjoni tal-attur Ferdinand Veneziani - riaffermata minnu waqt it-testimonjanza tiegħu fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019 quddiem il-Perit Tekniku - li huwa ma għandu l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-konvenuti kwantu għad-danni kkaġunati fil-fond tiegħu fl-ewwel sular tal-blokk, għandu jiġi assigurat illi kwalsiasi ammont li jista' jiġi talvolta aġġudikat in linea ta' danni kkaġunati fil-fond "Bramble Court", skont kif mitlub fir-Rikors promotur, jirrappreżenta danni kkaġonati fil-fond di proprjeta' tal-attriċi Romina Veneziani jew fil-partijiet komuni tal-blokk li hija komproprjetarju tagħhom - u mhux fil-proprjeta' tal-attur Ferdinando Veneziani.

L-attur Ferdinando Veneziani xehed hekk quddiem il-Perit Tekniku:-

"*... jiena ma qed nippretendi u nistenna xejn mingħand il-konvenuti ... dak li ħaqqni niġbor huwa l-ispejjez tal-appoġġi u xejn iżjed ... jien m'għandi l-ebda interess f'din il-kawża. Ngħid illi jiena jekk jiġu akkordati xi flus a favur tal-atturi ma nippretendi xejn minnhom ħlief l-appoġġi*"[8].

Kif inhuwa risaput, ir-rinunzja għall-jedd għandha tkun waħda inekwivoka u fil-każ ta' rinunzja taċita, din trid tirriżulta minn imġieba tali li turi l-volonta` inekwivokabbli tar-rinunzjant li huwa ried jabdika d-dritt tiegħu[9], mingħajr possibilita` ta' interpretazzjoni diversa. Dan huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:-

a) ***Emanuel Caruana et vs Robert Cutajar et*** (Prim'Awla, *28* ta' Novembru 2008) "*rinunzja ghal jedd trid tkun espressa u nieqsa minn kull ekwivoku*";

b) ***Henry Thake vs Carmel sive Lino Borg*** (Appell, sede Inferjuri, 25 ta' Novembru 1986) *"Ir-rinunzji huma 'di stretto diritto' u ghandhom jirrizultaw*

[8] Xhieda tal-21 ta' Marzu 2019.
[9] Ara Vol. XXXIV P I p 646 u Vol. XXXVI P I p 343.

*minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta preciza tar-rinunzjant";*

c) ***Sciberras vs Giappone***, Qorti Civili, Prim'Awla, 12 ta' Ottubru 1840 *"Qualunque rinunzia, non essendo generate e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guise che in dubbio s' intenda rimesso quanta meno sia possibile";*

d) **Kollez. Vol. XXVIII P. III p. 1154** *"La rinunzia ad un diritto, perche si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche,* e *non gia da espressioni generiche".*[10]

Bl-applikazzjoni tal-insenjament dottrinali appena ċitat, il-Qorti tqis illi dikjarazzjonijiet bħal dawk su-ċitati, magħmula mill-attur Ferdinando Veneziani fix-xhieda ġuramentata tiegħu, jammontaw għal rinunzja espressa u inekwivoka tal-jedd tiegħu għall-azzjoni għall-ħlas tal-kumpens għal xi danni subiti fil-proprjeta' tiegħu, ċioe' l-appartament fl-ewwel sular.

Dan stabbilit iżda, għandu jingħad ukoll illi bħala komproprjetarja tan-nofs indiviż tal-appartament bin-numru wieħed u tal-partijiet komuni anke dawk esterni tal-blokk, l-attriċi Romina Veneziani xorta waħda jibqagħlha l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tipproċedi waħedha u mingħajr l-adeżjoni u parteċipazzjoni ta' ħuha, bl-azzjoni għall-ħlas ta' kumpens għal xi danni li setgħu ġew talvolta subiti fil-proprjeta' komuni. Il-Qorti tqis illi l-ġudizzju huwa integru anke bir-rinunzja għal kull pretensjoni fil-konfront tal-konvenutu da parti tal-komproprjetarju l-ieħor tal-fond u tal-partijiet komuni. Din il-konklużjoni hija msejsa sija fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponu li kull wieħed mill-komproprjetarji għandu dritt li juża l-ħaġa li tkun komuni skond id-destinazzjoni tagħha, kif ukoll fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza preponderanti in materja ta' lokazzjoni fejn jinsab ritenut illi meta

[10] **Paolo Bonnici Limited vs Anthony Frendo**, Appell Inferjuri, deciz 28 ta' Novembru 2008.

ma jkun hemm l-ebda rapport kuntrattwali bejn il-komproprjetarji u d-detentur tal-fond komuni li jkun qed jiddetjeni l-fond bla titolu, anke wieħed biss mill-komproprjetarji jista' jaġixxi waħdu mingħajr il-konkors jew l-adeżjoni tal-lokaturi oħrajn sabiex jirreintegra d-drittijiet tal-beni komuni[11]. *Multo magis* jista' wieħed mill-komproprjetarji jaġixxi waħdu għar-riparazzjoni tal-fond komuni wara dannu kkaġunat minn xi fatt illeċitu attribwibbli li terzi, fejn il-komproprjetarji l-oħra – kapriċċjożament jew negliġentement – ma tawhx jew neħħewlu l-kunsens jew adeżjoni għat-talba. Ikun ferm inġust li r-rifjut ta' dak il-kunsens jitħalla jintuża biex ixekkel l-eżercizzju ta' drittijiet leġittimi għall-benefiċċju tal-fond komuni.

Fi kwalsiasi każ iżda, l-attur Ferdinando Veneziani baqa' qatt ma ċeda jew irtira formalment it-talba magħmula minnu fir-Rikors promotur in kwantu għall-ħlas tad-danni kkaġunati fil-fond, inkluż il-proprjetajiet li jippossjedi in komun ma' oħtu l-attriċi Romina Veneziani, u dan minkejja li l-Qorti kkonċedietlu espressament żmien biex jirregola ruħu fir-rigward in vista tad-dikjarazzjoni li huwa għamel fix-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Tekniku.

Applikat dan għall-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku fir-relazzjoni tiegħu, liema konklużjonijiet ma ġewx ikkontestati minn ebda waħda mill-partijiet, jirriżulta illi l-"item 1" fil-*bill of quantities* imħejji mill-Perit tal-fiduċja tal-atturi[12] jirreferi għal ħsara fi ħġieġa li jinsab fil-gallarija tal-ewwel sular ċioe, fl-appartament di proprjeta' tal-attur Ferdinando Veneziani[13]. Iżda, kif rajna, l-attur iddikjara li ma għandu l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-konvenuti għall-ħlas ta' xi kumpens għal danni kkaġonati fil-proprjeta' tiegħu u konsegwentement, il-Qorti m'hijiex sejra taġġudika a favur tieghu l-ħlas tal-

---

[11] Ara **Adelaide Ellul et v. Modern Crown Stoppers Limited**, Appell Ċivili deċiż 12 ta' Novembru 2003.

[12] Il-Perit Abigail Scicluna Lewis.

[13] Ara Dok. RM0411/02 fol. 74, *"replacing of scratched glass including crane and equipment to delivery at first floor balcony"*.

ammont kwantifikat għall-"*Glass Works*" fis-somma ta' €550[14] rappreżentanti ħsarat li saru fil-ħġieġ tal-gallarija tal-appartament tiegħu fit-tieni sular.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti ma jikkontestawx b'mod speċifiku ir-responsabbilita` tagħhom għall-ħsarat li ġew riskontrati fil-proprjeta' tal-atturi jew ta' xi wieħed jew waħda minnhom, iżda jikkontendu illi huma kienu ġew imċaħħda milli jaċċedu fil-fond tal-atturi sabiex jispezzjonaw dawn l-allegati ħsarat u ġew rinfaċċjati b'dawn il-proċeduri mingħajr ma kellhom opportunita' jagħmlu l-verifiki opportuni dwar il-*quantum* tad-danni pretiżi mill-atturi. Il-Qorti iżda, wara li rat ix-xhieda tal-Perit tal-fiduċja tal-konvenuti, il-Perit Stephen Farrugia, fehmet illi kuntrarjament għal dak li ġie eċċepit fit-tieni paragrafu tar-Risposta tal-konvenuti, l-istess Perit kien effettivament daħal fil-proprjeta' tal-atturi wara li kienu tlestew ix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni fil-fond tal-konvenuti u dan meta kellu inkontru mal-Perit tagħhom, il-Perit Abigail Scicluna Lewis, sabiex jivverifika l-pretensjoni tal-atturi dwar il-ħsarat sussegwentement riskontrati fil-proprjeta' tagħhom.

Il-Perit Tekniku, fir-relazzjoni tieghu, għamel stima tal-ispejjeż meħtieġa biex isiru x-xogħolijiet riparatorji fil-fond tal-attriċi Romina Veneziani u fil-partijiet komuni, ta' dawk il-ħsarat huwa dehrlu li kienu kkaġunati b'riżultat tal-kostruzzjoni fil-fond tal-konvenuti. Din il-valutazzjoni saret wara li huwa qies b'mod partikolari ix-xhieda u r-rapporti taż-żewġ periti inkarigati *ex parte* mill-partijiet rispettivament u d-dokumenti esebiti mill-attriċi kif ukoll ir-riżultanzi tal-aċċess li nżamm fil-fond tal-atturi[15].

[14] Eskluż VAT.

[15] Dawn il-ħsarat kienu għadhom eżistenti għaliex skont kif xehdet l-attriċi Romina Veneziani, hija ma kienetx għadha wettqet ix-xogħol riparatorju meħtieġ fil-proprjeta' tagħha u lanqas fil-partijiet komuni. Ara xhieda tal-attriċi fis-seduta tal-4 ta' Novemru 2016 (fol. 71) u seduta tal-25 ta' Jannar 2018.

Is-segwenti huma l-kostatazzjonijiet u konklużjonijiet magħmulin mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tiegħu:-

11. *In kontro-eżami waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2017 il-Perit Scicluna Lewis tikkonferma li l-ħsarat murija fuq Plate 19 sa Plate 21 tar-rapport tal-Perit tal-fiduċja tal-konvenuti u cioe' l-AIC Stephen Farrugia esebit Dok AC 170101 kienu jeżistu meta aċċediet hi. Jsegwi għaldaqstant u dan fid-dawl ta' dak li tikkonferma in kontro-eżami l-Perit tal-atturi li item 7 u 8 ta' Dok B anness mat-talba ma jistgħux jiġu akkordati stante li tali ħsarat anke b'ammisjoni ta' l-istess Perit Scicluna Lewis kienu jeżistu qabel bdew ix-xogħolijiet tal-konvenuti.*

12. *Fil-condition report dettaljat tiegħu esebit AC 170101 l-AIC Stephen Farrugia għall-konvenuti ma jsemmi xejn dwar ħsarat u/jew titjir fil-graffiato u/jew kisi tax-xaftijiet. L-esponent jidhirlu illi kieku se mai l-istess kollega kkonstata xi ħaġa kien żgur jelenkaħa fl-istess rapport. Fir-rigward ma jsemmi xejn meta jixhed u jiġi kontro-eżaminat fis-seduta tad-19 ta' April 2018 quddiem l-esponent.*

13. *Fid-dawl tal-paragrafi supra l-esponent jasal għall-konkluzzjoni li t-titjir tas-siment li qed jillamentaw minnhu l-atturi, ma kienx jeżisti qabel bdew ix-xogħolijiet tal-konvenuti u rriżulta waqt l-eżekuzzjoni ta' li l-istess xogħolijiet.*

14. *L-esponent jgħaddi issa biex jagħmel eżami ta' dak li qed jintalab f'Dok B mat-talba attriċi, bħala dannu fir-rigward tal-konkluzzjoni raġġunta fil-paragrafu supra u dan jagħmlu anke wara li ħa konjizzjoni tad-dokumenti RM 041101 sa RM 041107 esebiti mill-attriċi waqt is-seduta tal- 04 ta' Novembru 2016.*

i. *Dwar item 9 l-esponent jidhirlu illi ġaladarba l-ħlas għac-cherry picker qed jintalab separatament l-ammont mitlub għandu jiġi aġġustat għas-somma ta' €600.00.*

ii. *Dwar item 10 l-esponent stante li din l-item tirrigwarda biss is-sular tal-attriċi Romina Veneziani (hekk kif tikkonferma in kontro-eżami l-Perit Scicluna Lewis) jidhirlu illi r-rata għanda tiġi aġġustata għas-somma ta' € 200.00.*

iii. *Dwar item 11 l-esponent jidhirlu illi dak li qed jintalab huwa "fair and reasonable" u għandu jiġi akkordat.*

iv. *Dwar item 12 l-esponent jidhirlu illi r-rata għandha tiġi aġġustata għal € 200.00 stante li jidhirlu li sabiex isir ix-xogħol in kwistjoni ma hemmx bżonn aktar minn jumejn.*

*... Omissis ...*

*16. Dwar Glass Works Item 2 ta' Dok B l-esponent huwa ta' l-umli opinjoni illi din it-talba hija ġustifikata, l-ammont pretiż huwa "fair and reasonable" u fiċ-ċirkostanzi jħoss illi għandu jiġi akkordat fis-somma mitluba ta' €90.00.*

*17. Fir-rapport tiegħu esebit AC 170101 l-AIC Stephen Farrugia għall-konvenuti ma jsemmi xejn dwar ħsarat fil-kmamar tal-banju. Jiġi kkonfermat li iems 3 sa 6 ta' Dok B anness mat-talba attriċi ma humiex affarijiet li ma jdhrux jew diffiċli biex tilmahhom. Jsegwi għaldaqstant illi tali ħsarat seħħew wara li saru x-xogħolijiet tal-konvenuti.*

*18. Fid-dawl tal-paragrafu supra l-esponent jgħaddi biex jeżamina items 3 sa 6 ta' Dok B u dan anke wara li ħa konjizzjoni tad-dokumenti esebiti RM 041101 sa RM 041107 u jirrileva s-segwenti:*

*i. Dwar item 3 l-esponent jidhirlu illi fir-rigward tal-kwistjoni tal-glass tile li allegatament tkissret ma jistax jakkorda li jinqalgħu l-ħġieġ kollha. Jingħad illi se mai jekk ma tinstabx ħġieġa bħal dik li nkissret din tiġi rripristinata b'maduma oħra jew tinsab xi forma ta soluzzjoni ta disinn li timminima kemm tista l-ispejjes. Fiċ-ċirkostanzi l-esponent huwa ta l-umli opinjoni illi l-figura mitluba għandha tiġi aġġustata għas-somma ta € 300.00.*

*ii. Dwar item 4 l-esponenti jidhirlu illi dak li qed jintalab huwa "fair and reasonable" u għandu jiġi akkordat.*

*iii. Dwar item 5 l-esponent jidhirlu illi dak li qed jintalab huwa "fair and reasonable" u għandu jiġi akkordat.*

*iv. Dwar item 6 l-esponent jidhirlu illi dak li qed jintalab huwa "fair and reasonable" u għandu jiġi akkordat.*

*19. Fiċ-ċirkostanzi u in vista tas-suespost l-esponent qed jikkwantifika s-somma li għandha tiġi akkordata għad-danni sofferti fit-total ta' €1,947,39 eskluz il-VAT.*"

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa każ ta' natura evidentement teknika. Għalhekk il-Qorti trid neċessarjament tirreferi għall-opinjonijiet tekniċi mogħtija minn esperti fil-qasam għalkemm huwa minnu li kif jgħid l-Artikolu 681 tal-Kap. 12, il-Qorti

mhix marbuta li taċċetta dawn il-konklużjonijiet kontra l-konvinzjoni tagħha. In propositu jinsab ritenut:-

"*Fl-istess waqt dan ma jfissirx pero` illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998). Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg, mil-lat tekniku. ... Il-giudizio dell'arte espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mil-fakolta lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("***Bugeja et vs Muscat et***" – Qorti tal-Appell – 23 ta' Gunju 1967).*"[16]

Kif diġa' ngħad, filwaqt li l-attur irrinunzja għall-jedd tiegħu għall-ħlas ta' xi kumpens fir-rigward, l-attriċi baqgħet ma kkontestatx il-konklużjonijiet raġġunti mill-Perit Tekniku u da parti tagħhom, il-konvenuti ddikjaraw li jirrimettu ruħhom għall-ġudizzju tal-Qorti fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni talvolta kkaġunati fil-fond tal-atturi bħala riżultat tax-xogħolijiet intrapriżi minnhom. B'żieda ma' dan, il-Qorti tosserva illi mill-ġabra tal-provi u x-xhieda kollha mismugħin u miġburin mill-Perit Tekniku fl-espletazzjoni tal-inkarigu tiegħu, senjatament ix-xhieda tal-periti inkarigati *ex parte* mill-partijiet rispettivament, hija ma rriskontrat l-ebda kostatazzjoni jew konklużjoni peritali li jidher li hi inġusta jew ħażina.

[16] Ivor Zammit noe vs Christopher Agius et, Appell Ċivili deċiż 24 ta' Ġunju 2016.

Għaldaqstant, hija sejra tħaddan il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku u tagħmilhom tagħha b'dan illi s-somma komplessiva ta' €2,297.92 inkluż taxxa fuq il-valur miżjud, li ġiet kwantifikata mill-Perit Tekniku in linea tad-danni li ġew ikkaġunati fil-fond tal-attriċi Romina Venezia u fil-partijiet komuni, qiegħda tiġi approvata wkoll mill-Qorti.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Kwantu għall-imgħax mitlub fuq is-somma aġġudikata in linea ta' danni sofferti b'riżultat tax-xogħolijiet intrapriżi mill-konvenuti, huwa risaput illi l-imgħax dovut fuq obbligazzjoni ċivili jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel sejħa ġudizzjarja għall-ħlas[17]. Għalkemm mhux esebita fl-atti, jirriżulta inkontestat illi l-atturi kienu interpellaw lill-konvenuti għall-ħlas tad-danni permezz ta' ittra ġudizzjarja li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Ġunju 2015 (bin-numru 2053/15) – dan jinsab affermat mill-att ġudizzjarju li ġie ppreżentat mill-konvenuti fit-23 ta' Ġunju 2015 b'risposta għall-imsemmija interpellazzjoni ġudizzjarja[18] kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuta Marisa Agius[19]. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ġudizzjarja ta' dan l-att ġudizzjarju u minnu jirriżulta illi l-atturi ma kienux interpellaw lill-konvenuti għall-ħlas ta' somma determinata iżda kienu interpellawhom biss għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni minnhom subiti.

Dan ifisser li l-ewwel sejħa ġudizzjarja għall-ħlas saret bil-preżentata tar-Rikors promotur ta' din il-kawża fis-26 ta' Jannar 2016 fejn il-konvenuti ġew interpellati jħallsu, in linea ta' danni kkaġunati bħala riżultat tax-xogħolijiet intrapriżi fil-fond adjaċenti, is-somma ta' €4,233.12. Il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm is-somma li qed tiġi likwidata mill-Qorti u aġġudikata favur l-atturi, hija inqas mis-somma oriġinarjament reklamata, l-imgħax xorta waħda għandu jitqies li jibda jgħaddi mid-data tal-imsemmija sejħa ġudizzjarja ġaladarba s-somma kienet ġiet effettivament kwantifikata u l-konvenuti jitqiesu għalhekk, li

[17] Art. 1141 Kap. 16.
[18] Dok. A, fol. 11.
[19] Fol. 105 *et seq*.

kienu minn dakinhar morużi fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha **Fogg Insurance Agencies Limited noe et v. Paul Tabone**[20]:-

"*Fuq l-aggravju ta' l-interessi u d-dekorriment taghhom il-Qorti tinnota li fil-korp ta' l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI p.I p.84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta.*"

Kwantu għall-pa tal-ispejjeż, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi ma jirriżultax sodisfaċjentement li l-attur Ferdinando Veneziani kien irrinunzja għall-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tal-konvenuti ħlief wara li ġiet intavolata l-azzjoni, kif ukoll il-fatt illi d-danni akkordati huma ferm inqas minn dawk pretiżi oriġinarjament fir-Rikors promotur. Ħadet qies ukoll tal-fatt illi d-depożitu tas-somma rappreżentanti l-kumpens għall-appoġġi ma ġietx depożitata b'mod li setgħet tiġi liberament żbankata mingħajr konsegwenzi legali avversi għall-atturi, ħlief meta ġiet effettivament intavolata l-azzjoni odjerna. Għalhekk l-atturi setgħu leġittimament jirrikorru għal din l-azzjoni ġudizzjarja.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti biss safejn m'humiex kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba fir-Rikors promotur hekk kif ġej:-**

**Kwantu għat-talba għall-ħlas tal-kumpens għall-appoġġi, tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi *in solidum* is-somma ta' elf mitejn u Euro (€1,201) ; u**

[20] Deċiż 17 ta' Frar 2003.

**Kwantu għat-talba għall-ħlas tad-danni kkaġunati b'konsegwenza tax-xogħolijiet intrapriżi mill-konvenuti fil-fond tagħhom, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba safejn din ġiet imressqa mill-attur Ferdinando Veneziani, tilqa' t-talba limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi Romina Veneziani s-somma ta' elfejn mitejn u sebgħa u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,297.92) bl-imgħax mis-26 ta' Jannar 2016, u tiċħadha għall-bqija.**

**L-ispejjez kif mitluba jitħallsu nofs b'nofs bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**